C/2026/976

11.2.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12283 — FREUDENBERG / NILFISK)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/976)

1. Fit-2 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Freudenberg Home and Cleaning Solutions GmbH ("Freudenberg"), il-Ġermanja, ikkontrollata minn Freudenberg & Co. KG ("Grupp Freudenberg"), il-Ġermanja,

— Nilfisk Holding A/S (iktar 'il quddiem "Nilfisk"), id-Danimarka.

Freudenberg se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Nilfisk kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-11 ta' Diċembru 2025.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Freudenberg Group jopera f'erba' oqsma ta' negozju differenti: (i) it-teknoloġija tas-siġilli u tal-kontroll tal-vibrazzjoni, (ii) it-tessuti tekniċi u l-filtrazzjoni, (iii) it-teknoloġiji u l-prodotti tat-tindif, u (iv) l-ispeċjalitajiet,

— Nilfisk huwa manifattur tat-tagħmir oriġinali għall-prodotti tat-tindif, li jiffoka fuq il-magni tat-tindif għall-utenti professjonali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet possibbli tagħhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12283 — FREUDENBERG / NILFISK

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.